2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni vs Il-Polonja

(Kawża C-311/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa — VAT — Trasport internazzjonali ta' persuni — Taxxa b'rata fissa imposta fuq trasportaturi stabbiliti barra mit-territorju nazzjonali"

1. *Stati Membri — Obbligi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 18)*

2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Dritt ta' azzjoni tal-Kummissjoni — Eżerċizzju diskrezzjonali (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 19)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 31)*

4. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Prova tan-nuqqas — Oneru tal-Kummissjoni (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 34)*

5. *Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Valur taxxabbli — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Obbligi tal-persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 73, 168 u 273) (ara l-punt 39 u d-dispożittiv)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikoli 73, 168 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) - Trasport internazzjonali tal-passiġġieri bit-triq - Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq it-trasportaturi stabbiliti barra mill-pajjiż il-ħlas ta' VAT skont sistema ta' taxxa b'rata fissa bbażata biss fuq in-numru ta' passiġġieri ttrasportati fit-territorju nazzjonali u li ma tippermettix tnaqqis tat-taxxa imposta fl-istadju preċedenti.

Dispożittiv

1) Bl-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont il-modalitajiet iddefiniti fl-Artikolu 35(1), (3), (4) u (5) tal-Kapitolu 13 tar-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi, tas-27 ta' April 2004, dwar l-implementazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijet tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-prodotti u s-servizzi, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 73, 168 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Mejju 2010 — Goldman Management vs Il-Kummissjoni u Il-Bulgarija

(Kawża C-507/09 P)

"Appell — Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura — Astensjoni tal-Kummissjoni milli tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika tal-Bulgarija — Astensjoni tal-Gvern Bulgaru milli jieħu azzjoni fil-kuntest ta' kawża taħt id-dritt nazzjonali — Kumpens għad-danni allegatament subiti minħabba dawn l-astensjonijiet — Inammissibbiltà manifesta tal-appell"

Appell — Aggravji — Sempliċi repetizzjoni tal-motivi u l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali — Nuqqas ta' identifikazzjoni tal-iżball ta' liġi invokat — Inammissibbiltà (Arikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(ċ)) (ara l-punti 11-13)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) (li issa saret il-Qorti Ġenerali), tas-16 ta' Novembru 2009, Goldman Management vs Il-Kummissjoni u Il-Bulgarija, li bih il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors intiż, minn naħa, sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni illegalment astjeniet milli kontra l-Bulgarija tibda proċedura ta' konstatatzzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u li dan l-Istat Membru stess illegalment astjena milli jieħu azzjoni wara talbiet ifformulati mir-rikorrenti